ĦAL QORMI
Citta' Pinto

# MINUTI

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 23 IT-TNEJN, 5 TA' DIĊEMBRU 2016**

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu,li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, nhar it-Tnejn, 5 ta' Diċembru 2016 fis-7.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Tmien Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar – Sindku
Jesmond Aquilina – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Bjorn Azzopardi – Kunsillier
Jerome Caruana Cilia – Kunsillier (attenda fis-7.42pm)
Renald Falzon – Kunsillier
Robert Reno Cremona – Kunsillier
Martina Brancaleone – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Antoine Saliba Haig - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Josef Aquilina – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kenneth Brincat – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ippresjediet il-laqgħa.

Is-Sindku bdiet billi qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.lc.gov.mt.

**23/01/01 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 22**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 22 li nżammet nhar il-Ħamis 3 ta' Novembru 2016, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsilliera Martina Brancaleone issekondat l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 22 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**23/02 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**23/02/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat ġibdet l-attenzjoni dwar Ċirkulari 17/2016 u 36/2016 maħruġa mid-Diparitment tal-Gvern Lokali fejn tistipula li meta Kunsillier ma jattendix għal-laqgha tal-Kunsill jrid ikun hemm tnaqqis mill-allowance mogħti lill-Kunsilliera. Min-naħa l-oħra Memo 89/2009 tgħid li sakemm Kunsillier ikun skużat m'għandux ikun hemm nuqqas mill-allowance tal-Kunsilliera. Il-Kunsill qabel unanimament li peress li ċ-Ċirkulari ħarġet riċentament m'għandux isir nuqqas mill-allowance anke peress li l-Kunsilliera ma kenux konsapevoli ta' dan u li iżda dan it-tnaqqis għandu jibda b'effett mill-1 ta'Jannar 2017.

**23/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li x-xogħlijiet fi Triq San Pietru jinsabu għaddejjin b'ritmu mgħaġġel. Is-Sindku ppreżentat talba ta' riveżjoni tal-iskeda ta' rati kif jistipulat l-kuntratt anke peress li l-kuntratt huwa tas-sena 2012, liema rati ma jaqbżux l-istima approvata mill-UIF. Il-Kunsill approva r-riveżjoni tar-rati. Is-Sindku Rosianne Cutajar kompliet li fil-laqgħa li jmiss se tkun qed tagħti indikazzjoni ta' meta se jiġi inawgurat it-tkomplija tal-proġett. **DOK 'A'**

**23/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li irċevejna l-allokazzjoni finanzjarja fejn il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi se jkun qed jieħu żieda ta' madwar €30,000, li mhijiex żieda konsiderevoli meta Kunsilli Lokali oħrajn ħadu persentaġġ

ferm aktar.  Is-Sindku Rosianne Cutajar kompliet li ltaqgħet mad-Direttur tal-Gvern Lokali fejn ġie spjegat kif inħadmet il-formula tal-allokazzjoni.

**DOK 'A'**

**23/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li wara li l-Kunsill Lokali kien irċieva petizzjoni mir-residenti ta' Triq il-Belt Valletta u l-Kunsill kien għaddiha lil Transport Malta, l-Kunsill irċieva site plan bl-approvazzjoni fejn tindika li se tiġi kkrejata roundabout eżattament quddiem id-daħla tal-ground tal-futbol li fih jattendu mijiet ta' tfal. Il-Kunsill iħoss li din il-proposta mhijiex tipprovdi sigurta' biżżejjed speċjalment għat-tfal li jattendu n-nursery u għaldaqstant l-Kunsill se jkun qed jitlob garanzija minn Transport Malta li l-proposta tipprovdi s-sigurta' neċessarja.

**DOK 'B'**

**23/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmata lill-Kunsill li hemm bżonn issir laqgħa annwali tal-lokalita. Il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa annwali tal-lokalita' ssir fid-9 ta' Jannar fis-7.30pm.

**23/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ittra mill-Għaqda  Mużikali San Ġorġ Martri fejn talbu li l-attivita' li kellha ssir fis-sena 2016 u tħassret minħabba l-maltemp issir fis-sena 2017. Il-Kunsill approva t-talba sakemm iżda fis-sena 2017 issir attivita' waħda bħala Malta Records Festival.

**23/02/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsilliera li l-marċ tal-Milied se jinżamm fit-18 ta' Diċembru 2016 fil-10.30pm u ħeġġet lill-Kunsilliera sabiex jattendu.

**23/02/08** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** pproponiet lill-Kunsill sabiex għal din is-sena, il-Kunsill għandu jieħu l-inizjattiva u d-daqq ta' mużika jsir mill-Kunsill filwaqt li jkun hemm messaġġ ta' awgurju mill-Kunsill. Is-Sindku ressqet l-istima għal dan is-servizz li hija ta' €885. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**F'dan l-istadju tal-laqgħa, fis-7.38pm l-Kunsillier Marvin Zammit talba li jkun skużat. Il-Kunsill approva.**

**23/02/09** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li se tigi organizzata Career Day ġewwa l-Iskola ta' San Sebastjan nhar is-Sibt 14 ta' Jannar 2017.

**F'dan l-istadju tal-laqgħa, fis-7.42pm attenda għal-laqgħa l-Kunsillier Jerome Caruana Cilia.**

23/02/10 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet korrispondenza mill-Kunsillier Marvin Zammit dwar talba minn residenti biex titressaq pedestrian crossing fi Triq Ħal Luqa. Peress li l-**Kunsillier Marvin Zammit** ma kienx preżenti, l-Kunsill iddeċieda biex din it-talba terġa titressaq fil-laqgħa li jmiss ħalli l-Kunsillier Zammit ikun f'pożizzjoni jispjega aħjar din it-talba.

23/02/11 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** fakkret sabiex tinstab ġurnata meta ssir l-ikla bejn il-Kunsilliera u l-istaff. Il-Kunsill qabel li ssir nhar il-Erbgħa 11 ta' Jannar 2017.

23/02/12 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsilll li min jixtieq jipproponi lil xi zgħażugħ/a biex ikun maħtur Ambaxxatur taż-żgħażagħ għandu jagħmel dan sal-ahhar tas-sena sabiex fil-laqgha li jmiss jiġi maħtur l-Ambaxxattur il-ġdid.

23/02/13 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsilll li l-attivita' li saret f'Jum Dinji għat-tfal kienet ta' suċċess kbir. Il-**Kunsillier Bjorn Azzopardi** li ħa ħsieb din l-attivita' fisser l-attivita' bħala waħda professjonali fejn it-tfal ħadu pjaċir u xtaq jirringrazzja lil min ipparteċipa. Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi sostna li din hija attivita' li trid tidħol fil-kalendarju tal-attivitajiet tal-Kunsill.

## 23/03 MISTOQSIJIET MILL-KUNSILLIERA

23/03/01 **Ma kienx hemm mistoqsijiet mressqa mill-Kunsilliera.**

## 23 /04 RAPPORTI

### 23/04/01 RAPPORT DWAR L-GĦAŻLA TAL-LIBRAR/A GĦAL-LIBRERIJA LOKALI TA' SAN ĠORĠ

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv iressaq ir-Rapport. Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat spjega li l-Bord tal-Għażla ffurmat mis-Sindku Rosianne Cutajar, mis-Segretarju Eżekuttiv u mill-Kunsillier Bjorn Azzopardi u r-Rappreżentant mill-Libreriji Maltin, wara li għamel l-intervisti lill-applikanti kollha, jirrakkomanda li tintgħażel Sharon Tanti Cardona. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex il-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

**DOK 'C'**

**Il-Kunsilliera kollha** ssekondaw din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa’** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** ir-rapport tal-Bord tal-Għażla u għaldaqstant għandu jinforma lid-Dipartiment Libreriji Maltin ħalli jingħata t-taħriġ sabiex il-librerija ta’ San Ġorp tibda tinfetaħ tlett darbiet fil-ġimgħa.

**23/04/02 APPROVAZZJONI: KWOTAZZJONI: NEW TOILETS ACCESSIBLE FOR ALL FIL-LIBERIJA REĠJONALI**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv iressaq l-iskeda ta’ Kwotazzjonijiet wara sejħa bis-sistema tal-etenders. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li ma kienx hemm kwotazzjonijiet mitfugħa. Is-Segretaru Eżekuttiv kompla jispjega li r-raġuni prinċipali kienet li ġie ddentifikat li m’hemmx sistema tad-drenaġġ fil-parti fejn kien qed jiġi ppropost li jsiru t-toilets bil-konsegwenza li dawn ma jistgħux isiru. **DOK ‘D’**

**23/05 KUNSIDERAZZJONI U APPROVZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGHA TA’ KUMITATI U/JEW SOTTO-KUMITAI 2016**

**Is-Segretarju Ezekuttiv** ressaq ghall-kunsiderazzjoni approvazzjoni ta’ tiġdid ta’ kuntratti kif deskritti fir-rapport.
**DOK ‘E’**

**Il-Kunsill approva unanimament ir-rapporti.**

**F’dan l-istadju tal-laqgħa l-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina talab li jkun skużat. Il-Kunsill approva.**

**23/06 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA’ NOVEMBRU 2016**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta’ pagamenti għax-xahar ta’ Novembru 2016, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.
**DOK ‘E1-3’**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Novembru 2016
**b)** *Bank Payments* Novembru 2016
**c)** *Petty Cash* Novembru 2016

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsilliera Martina Brancaleone** ssekondat.

**Ivvutaw Favur Tmien** Kunsilliera (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**23/07 MOZZJONIJIET**

**23/07/01 MOZZJONI 43/2016 (VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Fuq talba tal-impjegati nipproponi biex dan il-Vacation Leave mhux meħud matul din is-sena 2016 sabiex ikun akkumulat għas-sena 2017.*

| | | |
|---|---|---|
| *Marilyn Baldacchino Gatt* | *Asst Principal* | *48 siegha* |
| *Ritienne Sammut* | *Asst Principal* | *48 siegha* |
| *Maria Lewis* | *Asst Principal* | *48 siegha* |
| *Bernice Darmanin* | *Asst Principal* | *48 siegha* |
| *Noel Pace* | *Ufficjal Ezekuttiv* | *48 siegha* |
| *Bessie Tanti* | *Skala 18* | *48 siegha* |

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Tmien** Kunsilliera (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** il-mozzjoni nru 43/2016.

**23/08 AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar aġġornat il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 9 ta' Jannar 2017 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:35 ta' filgħaxija.

**Iffirmati** **iffirmati**

Rosianne Cutajar Kenneth Brincat
Sindku Segretarju Eżekuttiv

Minuti kkonfermati llum **it-Tnejn , 9 ta' Jannar** 2017.